

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — L-awtoritajiet lokali u reġjonali fid-djalogu permanenti maċ-ċittadini

(2020/C 440/09)

Relatur:	Declan McDONNEL (IE/AE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Galway
Dokument ta' referenza:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-Ewropa f'Mejju 2019: Thejjiġa għal Unjoni aktar magħquda, aktar b'saħħitha u aktar demokratika f'dinja dejjem aktar inċerta. Il-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa informali tal-mexxejja tal-UE27 f'Sibiu (ir-Rumanija) fid-9 ta' Mejju 2019. COM(2019) 218 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Preambolu

1. itenni l-importanza li jiġu mifhuma u rrapportati l-perċezzjonijiet u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tar-rappreżentanti lokali u reġjonali tal-UE, li l-politiki tal-UE jiġu ankrati lokalment sabiex issir differenza fil-ħajja tan-nies u li tinbena l-unjoni tagħna minn isfel għal fuq, kif spjegat fl-Opinjoni tiegħu dwar *Nirriflett u dwar l-Ewropa: leħen l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fl-Unjoni Ewropea* ⁽¹⁾; jemmen li t-triq 'il quddiem għal qawmien mill-ġdid demokratiku tal-UE trid tibni fuq l-involviment fil-livell lokali lil hinn mill-miżuri attwali;
2. jemmen li kanali ta' komunikazzjoni minn isfel għal fuq u strumenti ta' parteċipazzjoni jikkomplementaw u jsaħħu d-demokrazija rappreżentattiva, kif ukoll jippromovu s-sussidjarjetà attiva, billi jagħtu vuċi akbar liċ-ċittadini wara u bejn l-elezzjonijiet; jinsab konvint li l-involviment trasparenti, serju u rilevanti taċ-ċittadini jfisser rwol kondiviż u b'hekk parteċipazzjoni Prattika għaċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u jqijs li f'dan il-każ il-komunikazzjoni formali waħedha hija insuffiċjenti. Parteċipazzjoni ġenwina żżid il-leġittimità u l-effikaċja tad-demokrazija rappreżentattiva billi (1) żżid il-komunikazzjoni biex jiġi pprevenut il-kunflitt, (2) tippermetti li jinħoloq kunsens u, fuq kollox (3) tissaħħaħ is-setgħa tad-deċiżjonijiet meħuda u li tiġi spjegata r-raġuni għad-deċiżjonijiet;
3. jaqsam il-fehmiet espressi fil-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa informali tal-mexxejja tal-UE27 f'Sibiu ⁽²⁾, b'mod partikolari riflessjoni sħiħa dwar l-isfidi tal-komunikazzjoni, inklużi l-frammentazzjoni u d-diżinformazzjoni; huwa konxju li l-komunikazzjoni hija prekondizzjoni sabiex iċ-ċittadini jagħmlu għażliet infurmati u jipparteċipaw bis-sħiħ fid-demokrazija tal-UE;
4. jenfasizza li l-istituzzjonijiet Ewropej jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom li jaħdmu aktar mill-qrib u jikkooperaw maċ-ċittadini, sabiex jiżied l-għarfien dwar it-fassil tal-politika Ewropea, jitjiebu l-effiċjenza u l-effettività ta' tali tfassil tal-politiki u jiġu evitati l-modi aċċellerati li l-popoliżmu jipproponi, u li inevitabbilment idgħajfu l-funzjonament tajjeb tad-demokrazija;
5. jiddikjara d-determinazzjoni tiegħu li jiftaħ kanali ta' komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u ċ-ċittadini Ewropej fiż-żewġ direzzjonijiet, fejn ikun hemm enfasi fuq il-problemi tal-ħajja ta' kuljum tan-nies u li jrawmu l-involviment taċ-ċittadini fit-fassil tal-politika Ewropea. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet ukoll li hemm hteġa għal kanal ta' komunikazzjoni li jista' jibqa' operattiv minkejja u partikolarment fi żminijiet ta' kriżi;

⁽¹⁾ CoR 2018/C 461/02 (ĠU C 461, 21.12.2018, p. 5).

⁽²⁾ COM(2019) 218 final.

6. jirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 ħeġġet l-użu tal-midja diġitali u tas-sistemi tal-konferenzi online u jinnota l-opportunitajiet li toffri d-diġitalizzazzjoni għall-impenn ċiviku fi żminijiet ta' kriżi; f'dawn l-aħħar xhur, l-involvement ċiviku ċċaqlaq għal fora u konferenzi diġitali; dawn għenu li-ċittadini jipparteċipaw aktar malajr, b'mod wiesa' u inklużiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

7. jilqa' l-Konferenza li jmiss dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u jappoġġja s-sejħa tal-Parlament Ewropew, deskritta fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020, biex fil-mandat tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa jiġi inkluż impenn għal segwitu sinifikanti u l-involvement dirett sinifikanti taċ-ċittadini u l-pożizzjoni tiegħu li "l-involvement dirett taċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u r-rappreżentanti eletti jeħtiġilhom jibqgħu prijorità tal-Konferenza";

8. jenfasizza li l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa m'għandhiex tkun proċess ta' darba biss għal perjodu stabbilit iżda opportunità biex wieħed jaħseb mill-ġdid u jirrifirma l-mod kif l-UE tiffunzjona u hija pperċepita miċ-ċittadini tagħha; għalhekk jixtieq jipproponi mekkaniżmu għal djalogu permanenti maċ-ċittadini li jista' jiġi ttestjat matul il-Konferenza iżda li jkollu l-għan li jintroduċi mekkaniżmu strutturali fit-tul għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika tal-UE, immexxi mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħala l-livell ta' gvern li huwa l-eqreb taċ-ċittadini u li jinkludi mekkaniżmu ċar ta' feedback;

9. itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni, espressa fir-Riżoluzzjoni tiegħu *fid-dawl tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021* ⁽³⁾, biex "tikkoopera mal-KtR fl-iżvilupp ta' mudell pilota għal djalogu permanenti u strutturat maċ-ċittadini permezz tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jippermetti proċess bidirezzjonali ta' komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE li aktar tard jista' jservi biex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE fit-tul";

10. jinsisti li fil-konsultazzjonijiet pubbliċi kollha relatati mad-djalogi taċ-ċittadini għandu jiġi żgurat il-pluraliżmu massimu; jenfasizza li dan ifisser li l-programmi kollha, il-listi tal-kelliema, il-panels, litteratura u dokumenti, eċċ. iridu jkunu bbilanċjati u jiżguraw li jiġu ppreżentati firxa wiesgħa ta' fehmiet differenti, li jirriflettu d-diversità ta' opinjonijiet fl-Ewropa, sabiex jiġi stimulat dibattitu fil-fond. Jenfasizza li l-għażla tal-parteċipanti f'dawn il-laqgħat kollha trid issir b'mod kompletament indipendenti u mingħajr ebda interferenza politika;

L-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala bennejja tal-pontijiet bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE

11. jaqsam it-tħassib li l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jidhru bħala fiżikament u – saħansitra – kulturalment 'il bogħod mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; jappella lill-istituzzjonijiet rappreżentattivi bħall-gvern reġjonali u lokali, speċjalment dawk li bħalissa mhumiex involuti fil-mekkaniżmi ta' involviment taċ-ċittadini, biex ikollhom rwol attiv fl-istabbiliment ta' kanali ta' komunikazzjoni effiċjenti u sinifikanti maċ-ċittadini għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE mmexxija mid-domanda, iżda jenfasizza li dan jeħtieġ li jsir b'mod li jirrispetta l-ħin taċ-ċittadini u jipproduċi r-riżultati;

12. jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-UE jaqdu rwol ċentrali fl-edukazzjoni taċ-ċittadini dwar l-UE u biex jinkoraġġixxu li-ċittadini jaqdu rwol fid-demokrazija parteċipattiva. Huwa rikonoxxt li iċ-ċittadini jistgħu jinvolvu ruħhom biss jekk jintużaw metodi innovattivi u jekk iċ-ċittadini jkunu infurmati bis-sħiħ dwar l-implikazzjonijiet tat-tfassil ta' politika u/jew deċiżjonijiet ta' finanzjament għaż-żona lokali tagħhom. Jitħeġġu l-użu tat-teknoloġiji diġitali u tal-midja soċjali kif ukoll il-ħidma ma' organizzazzjonijiet volontarji; jiġbed l-attenzjoni għal approċċi ta' reklutaġġ ta' suċċess, bħal dawk li jinvolvu l-għażla taċ-ċittadini b'mod aleatorju bit-telefon, mir-reġistru tal-popolazzjoni jew permezz ta' konverżazzjoni bieb bieb, bil-ħsieb li tintlaħaq sezzjoni trasversali ħafna aktar wiesgħa tal-popolazzjoni.

In-Network taċ-Ċittadini – In-network għall-involvement taċ-ċittadini fl-UE – ekosistema ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini

13. jipproponi li jinħoloq network pan-Ewropew ibbażat fuq parteċipazzjoni volontarja – taċ-ċittadini, biex jaġixxi bħala riżorsa ċentrali għall-istrategġiji, il-metodoloġiji u l-istrumenti u li jikkomunika kemm direttament kif ukoll indirettament, permezz ta' inizjattivi eżistenti maċ-ċittadini fl-UE dwar kwistjonijiet Ewropej u l-impatt tagħhom fuq in-nies;

⁽³⁾ RESOL-VII/007 (ĠU C 324, 1.10.2020, p. 16).

14. jirrikonoxxi, minkejja dan, li hemm ħafna mekkaniżmi deliberattivi u parteċipattivi attivi f'ħafna mill-Istati Membri u r-reġjuni u għalhekk jissuġġerixxi li n-Network taċ-Ċittadini jieħu nota u jibni fuq il-prattika tajba li diġà teżisti. Għaldaqstant, in-Network jiffaċilita d-djalogu interreġjonali u l-konsistenza bejn l-istituzzjonijiet biex jiġi żgurat approċċ koerenti, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità tal-approċċi f'realtajiet politiċi u soċjali differenti;

15. jistieden lin-Network biex jinkludi organizzazzjonijiet membri fil-livell reġjonali (prinċipalment NUTS2, iżda wkoll NUTS1 jew NUTS3 skont l-organizzazzjonijiet nazzjonali) u fil-livell tal-belt li diġà jinvolvu liċ-ċittadini, kif ukoll organizzazzjonijiet volontarji attivi fil-livell lokali u reġjonali, li jinvolvu firxa wiesgħa ta' interessi;

16. jistenna li n-Network ikollu tliet għanijiet: (1) li jsaħħaħ l-interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini Ewropej, permezz ta' metodi diretti għall-involvement fil-livell lokali u reġjonali, (2) li jipprovi eżempji ta' metodi ta' parteċipazzjoni li jistgħu jintużaw kemm formalment kif ukoll informalment, u (3) li jaġixxi bħala repożitorju għall-informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki ta' inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali ta' parteċipazzjoni mill-Unjoni Ewropea kollha;

17. huwa lest li jfassal sett ta' prinċipji komuni għan-Network li mhumiex vinkolanti iżda li jservu bħala linji gwida għal prattika tajba, sabiex jinħoloq approċċ komuni (filwaqt li jiġu rikonnoxxuti metodi differenti) u biex jiġi stabbilit sett ta' standards minimi għall-organizzazzjonijiet parteċipanti;

18. jissuġġerixxi li n-Network jiġi organizzat fi gruppi tematiċi ta' ħidma, li ser jikkonsistu mill-organizzazzjonijiet membri bbażati fuq għadd ta' temi globali (bħall-ibbaġitjar parteċipattiv, iċ-ċittadinanza diġitali, l-inklużività fl-involvement taċ-ċittadini) kif ukoll kwistjonijiet tematiċi bħat-tibdil fil-klima, il-koeżjoni soċjali, l-ambjent, l-isport, il-kultura, iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, l-organizzazzjonijiet urbani u rurali u l-arti;

19. jissuġġerixxi li n-Network jidentifika, jikkoordina u juża strateġija komuni ta' taħriġ dwar il-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll il-korpi pubbliċi u privati, jitħeġġu jieħdu sehem f'inizjattivi ta' taħriġ, biex l-uffiċjali pubbliċi u l-mexxejja lokali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom bis-sħiħ maċ-ċittadini u jikkontribwixxu għall-isfruttar tal-potenzjal enormi tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini. Ser ikun importanti wkoll l-involvement mal-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi biex jiġi żgurat li ċ-ċittadinanza Ewropea attiva ssir parti mill-kurrikulu fl-UE;

20. huwa lest li jaqdi rwol ta' tmexxija, f'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra kollha, fuq id-disinn, l-implimentazzjoni u l-governanza tan-Network, u jaħdem biex tiġi promossa metodoloġija komuni ta' ħidma u l-użu ta' sett ta' għodod ta' strumenti ta' parteċipazzjoni (proċessi ta' deliberazzjoni, inizjattivi taċ-ċittadini, baġitjar parteċipattiv, proċessi ta' crowdsourcing tal-gvern, assemblej żgħar pubbliċi, eċċ.) inkluża pjattaforma diġitali kondiviża li tista' tintuża biex jiġu ġestiti l-aħjar eżempji ta' prattika li ser jinġabru minn Stati Membri differenti;

21. jappella biex ikun hemm riżorsi disponibbli sabiex in-Network jitħaddem għal perjodu limitat ta' żmien, filwaqt li n-Network ifittex finanzjament permanenti jew assistenza teknika mill-programmi ta' finanzjament tal-UE;

22. jistenna li n-Network jipromovi u jżid il-viżibbiltà tal-prattiki ta' involviment taċ-ċittadini tar-reġjuni parteċipanti, li min-naħa tagħhom għandhom jiżguraw livelli ogħla ta' parteċipazzjoni attiva;

23. jissuġġerixxi li n-Network jista' jgħin lill-organizzazzjonijiet biex jiġi żgurat li tinbena l-fiduċja maċ-ċittadini sabiex dawn jirċievu rispons dwar l-impatt ta' ħidmiethom fit-tfassil tal-politika tal-UE; għalhekk jipproponi li l-KtR jaġixxi ta' intermedjarju bejn in-Network, il-membri tiegħu u l-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod bidirezzjonali;

24. jissuġġerixxi li n-Network jitnieda matul il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, bil-għan li jsir infrastruttura stabbli u permanenti kapaċi tkompli bis-segwitu tal-ħidma tal-Konferenza u li tiżgura li ċ-ċittadini jkunu infurmati tajjeb u jkunu jistgħu jiġu involuti fil-fażijiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u valutazzjoni tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa;

Ekosistema għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini

25. jemmen li għandhom isiru sforzi mill-organizzazzjonijiet membri kollha fin-netwerk kif ukoll mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, biex ikun hemm parteċipazzjoni maċ-ċittadini b'mod informali u mhux formali, billi jintużaw spazji (bħall-klabbs sportivi) u prattiki ta' parteċipazzjoni mhux konvenzjonali, biex jitfasslu sistemi ta' parteċipazzjoni li jagħmluha possibbli li "wieħed imur fejn jiltaqgħu ċ-ċittadini" minflok "jintalbu jiġu" u jiġu permissi modi biex il-parteċipazzjoni informali tiġi adattata għat-tfassil ta' politika formali, kif ukoll biex jinħolqu strateġiji sabiex l-istituzzjonijiet jipparteċipaw f'formats informali mingħajr ma jdgħajfuhom jew jiddiżnaturalizzawhom. Apparati u strateġiji bħal dawn jistgħu jikkontribixxu għal sett ġdid ta' għodod ta' parteċipazzjoni li jvarja minn smiġh attiv fuq il-midja soċjali għal metodoloġiji ta' innovazzjoni soċjali u laboratorji ħajjin għall-esperimentazzjoni demokratika. Dan huwa partikolarment importanti għaċ-ċittadini li mhumiex rappreżentati biżżejjed fl-istituzzjonijiet demokratiċi (minoranzi etniċi, persuni b'diżabilità, żgħażagħ, anzjani);

26. jistenna, għalhekk, li din l-ekosistema ta' metodi għall-parteċipazzjoni taħdem kontinwament biex tikkomplementa l-kanali istituzzjonali u uffiċjali ta' komunikazzjoni u r-rappreżentanza tal-istituzzjonijiet demokratiċi Ewropej. Din ma jkollhiex l-għan li tissostitwixxi d-demokrazija rappreżentattiva iżda pjuttost tarrikkixxiha bl-istrumenti u l-mezzi ta' demokrazija deliberattiva u, xi kultant, tad-demokrazija diretta;

27. jenfasizza li ċ-ċittadini qed jersqu lejn formati ġodda ta' impenn politiku – it-teknopolitika – riżultat tat-teknoloġiji diġitali u d-data miftuħa. Dan jippermetti li l-parteċipazzjoni ssir fi spazji informali u barra mill-ambjenti formalizzati normali. Dan il-mezz ġdid ta' involviment għandu jitħaddan minn istituzzjonijiet politiċi biex titħeġġeġ ekosistema ta' involviment;

28. jemmen li l-użu ta' pjattaformi online huwa kruċjali għall-ġestjoni tat-tipi ta' metodi ta' parteċipazzjoni, biex parteċipanti mill-UE kollha, irrispettivament mill-oriġini soċjali, ikunu jistgħu jieħdu sehem f'dibattiti, u biex jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-obbligu ta' rendikont tal-proposti b'mod faċli u aċċessibbli. It-teknoloġiji diġitali għandhom jikkomplementaw il-metodi ta' parteċipazzjoni wiċċ imb'wiċċ u għandhom jintużaw biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fost iċ-ċittadini li ma jħossuhomx rappreżentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew fost iċ-ċittadini li normalment ma jipparteċipawx permezz ta' strumenti parteċipattivi tradizzjonali;

29. jassumi li din l-ekosistema ta' parteċipazzjoni għandu jkollha appoġġ ċar mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha u għandha tkun ukoll flessibbli biżżejjed biex tippromovi modi ġodda u innovattivi ta' involviment taċ-ċittadini, waqt li tagħmel possibbli l-użu ta' għodod ta' teknoloġija diġitali li jiffaċilitaw il-multilingwiżmu fid-djalogo maċ-ċittadini;

30. jistenna solidarjetà transnazzjonali bejn reġjuni aktar avvanzati fil-qasam tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini li jgħinu lil dawk anqas avvanzati jinvolvu ruħhom f'ekosistema mifruxa mal-Ewropa, billi jikkontribwixxu l-għarfien u l-inizjattiva; ekosistema tal-UE tirrispetta l-awtonomija tal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, filwaqt li tkun flessibbli biżżejjed biex tiġi adattata għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet kulturali, soċjali u politiċi.

Id-djalogi taċ-ċittadini matul il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa

31. jappella li jkun hemm strateġiji ta' informazzjoni, komunikazzjoni u involviment bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u ċ-ċittadini matul il-Konferenza dwar il-Ġejjieni permezz tal-korpi rappreżentattivi lokali u reġjonali, flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà;

32. iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet reġjonali u lokali jmexxu proċessi parteċipattivi matul il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa fil-livelli rispettivi tagħhom, billi jużaw taħlita ta' proċessi deliberattivi miftuħa. Il-proposti u r-riżultati tal-proċessi deliberattivi jistgħu mbagħad jinġabru fil-qosor u jiġu inklużi fil-kontribut tal-KtR għall-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa kif ukoll jgħinu jinbena r-repożitorju tal-għarfien u l-esperjenza tan-Network fil-komunikazzjoni maċ-ċittadini;

33. jippromovi l-involviment ċiviku transnazzjonali fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, peress li d-dibattitu dwar il-ġejjieni għandu jkollu dimensjoni transkonfinali u pan-Ewropea; dan jirrikjedi forum ta' ċittadini minn madwar l-Ewropa biex jinvolvu ruħhom b'mod transnazzjonali, biex jiġu indirizzati problemi komuni.

Lejn approċċ ġdid għat-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet

34. huwa tabilħaq konvint li peress li jżid il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u jiġi sfruttat il-potenzjal taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politiki attivi, il-gvern miftuħ huwa wieħed mit-tweġibiet għal kriżi tal-istituzzjonijiet demokratiċi;

35. iqis li t-trasparenza u d-data miftuħa huma meħtieġa għall-fiduċja. L-amministrazzjonijiet għandhom isaħħu r-rabta bejn il-politiki ta' parteċipazzjoni, l-istrategġiji dwar it-trasparenza u d-data miftuħa, u jaħdmu lejn il-ftuħ tar-riżorsi kollha u tal-beni pubbliċi kollha għat-tfassil tal-politika u t-teħid ta' d-deċiżjonijiet: data, informazzjoni, metodoloġiji, riżorsi ta' taħriġ u pjattaformi teknoloġiċi;

36. jistenna li tinħoloq kriterja għal gvern miftuħ fil-livell tal-UE li tkun adatta għal-livelli l-oħra kollha tal-gvern;

37. l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-uniċi awtoritajiet li jafu l-aħjar il-htigġijiet u l-isfidi taċ-ċittadini fil-livell lokali, u huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-livell lokali u reġjonali. Għalhekk, hemm bżonn li r-regolamenti tal-UE jinkludu rekwiżiti għall-Istati Membri biex mhux biss jikkonsultaw u jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatat mal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali, iżda li jiddelegaw il-ġestjoni tal-fondi u tal-istrumenti finanzjarji, abbażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan jista' jiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda eqreb taċ-ċittadini għandhom jippermettu liċ-ċittadini jifhemu aħjar l-UE. Bħala konklużjoni, dan għandu jippermetti approċċ ġdid għat-tfassil ta' politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet, li jkun iktar miftuħ, iktar parteċipattiv, u mmexxi mill-awtoritajiet lokali u reġjonali fi djalogu permanenti maċ-ċittadini: fil-qosor, kultura demokratika u politika Ewropea komuni ġdida.

Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni
Apostolos TZITZIKOSTAS